MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 81/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Olian Chikh Ali**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Olian Chikh Ali talli fil-21 ta' Marzu 2008 fl-ajruport Internazzjonali ta' Malta waqt li kien ser jitlaq fuq titjira EK 108, xjentement naqas li jiddikajara li kellu fil-pussess tieghu aktar minn ghaxart elef euro (€10,000) lill-Kontrollur tad-Dwana.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tordna lill-imsemmi Olian Chikh Ali jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti, ai termini ta' l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f’kaz ta’ htija, barra milli tinfliggi l-piena skond il-ligi, tordna l-konfiska favur il-Gvern tal-flus mhux dikjarati li jeccedu l-€10,000;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ta’ l-24 ta’ Marzu 2008, li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni ta’ l-imsemmi Olian Chikh Ali, sabitu hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u, wara li rat l-artikolu [*recte:* regolament] 3 ta’ l-Avviz Legali 149/2007, ikkundannatu ghal multa ta’ tmien mija tnejn u disghin euro.(€892). Il-Qorti inoltre ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tas-somma ta’ tlett elef hames mija u sebghin euro (€3,570) mill-ammont ta’ tlettax-il elf u hames mija u sebghin euro (€13,570) li gew esebiti kif ukoll tas-somma ta’ erba’ mija u hamsin dollari Amerikani (US$450);

Rat ir-rikors ta’ appell tal-Avukat Generali pprezentat fit-2 ta’ April 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn l-appellat instab hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontrih u dik il-parti koncernanti l-konfiska tas-somma indikata fis-sentenza filwaqt illi tirrevoka l-parti tas-sentenza koncernanti l-piena li nghatat kontra Olian Chick Ali, u wara li terga ssib lill-appellat hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontrih, tinfliggi piena gdida ai termini ta’ l-A.L. 149/2007 u tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan huwa appell mill-piena. L-appellant Avukat Generali jirreferi ghas-subregolament (4) tar-regolament 3 ta’ l-Avviz Legali 149/2007 li jipprovdi hekk:

**“Persuna li taghmel dikjarazzjoni falza ghall-finijiet ta’ dawn ir-regolamenti jew li ma twettaqx l-obbligazzjoni li tiddikjara somma bhal dik skond is-subregolament**

**(2) ta' dan ir-regolament, tkun hatja ta' reat u tista', meta tinsab hatja, tehel multa ekwivalenti ghal hamsa u ghoxrin fil-mija tal-valur, f'munita Maltija fid-data meta l-persuna tkun diehla jew hierga minn Malta jew meta tkun ghaddejja fi transit minn Malta, tal-flus li jkunu qeghdin jingarru, imma f'kull kaz dik il-multa ma ghandhiex tkun teccedi sitta u erbghin elf, hames mija sebgha u tmenin euro u sebgha u erbghin centezmu."**

Skond l-appellant, l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta kkalkulat ghall-fini ta' multa skond l-imsemmi subregolament hamsa u ghoxrin fil-mija ta' l-ammont maqbud mill-Kontrollur tad-Dwana in eccess minn ghaxart elef euro (€10,000)[1], u kellha tikkalkola l-hamsa u ghoxrin fil-mija fuq l-ammont ta' flus kollha li kienu qed jingarru.

L-appellant Avukat Generali ghandu ragun. Ir-regolament 3 imsemmi jaghmel distinzjoni bejn il-flus li jkunu qeghdin jingarru <u>in eccess</u> tas-somma ta' €10,000 u l-flus li jkunu qeghdin jingarru. Permezz tas-subregolament (3), meta flus ma jigux dikjarati skond is-subregolament (1), il-Kontrullur tad-Dwana ghandu jaqbad **"il-flus mhux dikjarati <u>li jkunu jeccedu €10,000</u>, jew l-ammont kollu meta l-flus ikunu indivizibbli"** (sottolinear ta' din il-Qorti). Imbaghad skond is-subregolament (5), barra mill-piena li l-Qorti tista' taghti, hija ghandha tordna l-konfiska favur il-Gvern **"tal-flus mhux dikjarati <u>li jkunu jeccedu €10,000</u> jew ta' l-ammont shih meta l-flus ikunu indivizibbli"** (sottolinear ta' din il-Qorti). Ghal dik li hi l-multa li ghandha tigi nflitta skond is-subregolament (4) pero`, il-ligi ma titkellimx dwar kalkolu bbazat fuq il-flus mhux iddikjarati li jkunu jeccedu €10,000 izda l-multa hija ekwivalenti ghal 25% **"tal-valur … tal-flus <u>li jkunu qeghdin jingarru</u>"**. Peress illi l-flus "li jkunu qeghdin jingarru" mhumiex biss dawk in eccess tas-somma ta' €10,000, il-multa trid necessarjament tigi kkalkulata fuq is-somma komplessiva li l-persuna imputata tkun qeghda ggorr.

[1] Skond is-subregolament (1) tar-regolament 3 ta' l-Avviz Legali 149/2007, kull persuna diehla jew hierga minn Malta, jew li tkun ghaddejja fi transit minn Malta u li tkun qeghda ggorr somma ekwivalenti ghal €10,000 jew izjed fi flus ghandha l-obbligu li tiddikjara dik is-somma lill-Kontrullur.

L-appellant kien qieghed igorr €13,570 kif ukoll US$450 (ekwivalenti ghal €291.77 bir-rata medja ta' 1.5423 fl-eqreb data ta' l-20 ta' Marzu 2008). Il-multa mela tinhadem hekk: €13,570 + €291.77 = €13,861.77 x 25% = €3,465.44.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-imsemmi Olian Chikh Ali ghal multa ta' tmien mija tnejn u disghin euro (€892) u minflok tikkundannah ghal multa ta' tlett elef erba' mija hamsa u sittin euro u erbgha u erbghin centezmu (€3,465.44) u tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------